MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2009

Numru 7/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**VS**
**SIMON ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Simon Attard iben Alfred u Rita xebba Cordina mwieled Pieta' fil-21 ta' Novembru 1966, residenti 'Velocity' Antonio Bosio Street, Attard u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 514966(M).

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-19 t'April, 2008, u fix-xhur ta' qabel din id-data, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, kiseb jew kellu fil-pussess tieghu xi ritratti, filmat,

video recording jew xbieha elettronika ndecenti ta' persuna taht l-eta' liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, films, video recording jew xbiehat elettronici ndecenti juru persuna ta' taht l-eta' li ma kienux ghalqu d-disa' snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma tat-tali ammissjoni wara li l-Qorti nghatat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Simon Attard, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 18, 208A(1)(3), 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin.

In oltre', il-Qorti tqieghed lill-imputat taht supervision suspended order ghal perijodu ta' tlett snin ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta u tqieghed lill-imputat taht sipervision suspended order ghal tlett (3) snin u tordna treatment order taht il-kura tal-clinical pshycologist Dr. John Agius ghal perijodu ta' sentejn bil-modalitajiet li jidhirlu xieraq l-istess imsemmi psikologu.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali ta' l-imputat u wara li qieset l-import ta' Dokument SD, imhejji mis-Cyber Crime Unit, fejn jidher illi gie misjub fuq il-kompjuter ta' l-imputat xejn anqas minn wiehed u tletin (31) file ta' pornografija fuq it-tfal; fejn instab *movie clip* klassifikat ta' *Level 7 - explicit sexual activity by a child* fejn it-tfal kienu taht id-disa' snin, waqt li nstab tlettax (13)-il file iehor kif jirrizulta mir-rizultati analitici - pagna 9 ta' Dokument SD.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-imputat ghamel zmien konsiderevoli taht il-kura tal-*clinical psychologist* Dr.John Agius.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------